# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## Bhala Qorti Struttorja

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tal-10 ta' Settembru, 2019

**Il-Pulizija**
(Spettur Christina Delia)

***kontra***

***omissis***

## Il-Qorti

1. Rat illi l-imputat *omissis*, iben Philip u Salvina nee' Farrugia, mwieled fil-21 ta' Gunju 1967 gewwa l-Pieta`, residenti Nru.85 Orkidea, Triq Leli Falzon, Naxxar u detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru *omissis*, gie pprezentat taht arrest illum 10 ta' Settembru 2019 u akkuzat talli nhar id-9 ta' Settembru 2019 f'xi hin qabel nofsinhar (12:00Hrs), gewwa Nru.85, Orkidea, Triq Leli Falzon, Naxxar

   i. Volontarjament ta n-nar lil bini, vettura, gharix jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan (art.316 tal-Kap 9), meta ġewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq jew volontarjament ta n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, kien qiegħed b'mod li jista'jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt ġewwa kien hemm xi persuna u cioe Victor Degiorgio u Alexandra Degiorgio;

ii. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe diversi oggetti domestici, liema hsara hija ta' izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500) ghad-detriment ta' Michaela Micallef u/jew persuni ohra;

iii. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. C.Galea LL.D, datata 9 ta' Settembru 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta` martu Michaela Micallef billi tapplika l-provedimenti tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta` htija jigu applikati l-provedimenti ta` l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba ukoll li flimkien ma` hrug ta` ordni ta` protezzjoni tohrog ordni ta` trattament li jkun mehtieg fil-konfront ta` l-akkuzat *omissis* u dan ai termini 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Finalment il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat illi fis-seduta tal-lum:

i. il-Qorti ikkonvalidat l-arrest tal-imputat;
ii. l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-imputazzjonijiet mahruga kontra l-imputat.
iii. bl-applikazzjoni tal-Art. 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt l-ezami tal-imputat skond l-Art. 392 tal-Kap. 9 izda qabel ma' gie ezaminat skond l-Art. 392(1)(b), il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan wiegeb li m'ghandux oggezzjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija;

iv. Il-Qorti saqsiet lill-Uffiċjal Prosekutur jekk l-Avukat Ġenerali tax il-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex il-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u l-istess Ufficjal Prosekutur informat lill-Qorti illi tali kunsens kien filfatt inghata u ghal dan il-ghan esebiet dokument (Dok CD2) mahrug mill-Avukat Generali fl-10 ta' Settembru 2019;

v. Il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-akkużi u l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba kontrih. Il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha;

vi. L-imputat rega' kkonferma li hu ħati tar-reati li bihom gie akkużat u ghalhekk il-Qorti ghaddiet biex tirreġistra tali ammissjoni.

vii. Il-Qorti fuq talba tad-difiza, mhux opposta mill-prosekuzzjoni, ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni tal-konnotati inkluz l-isem u l-kunjom tal-imputat.

viii. Il-Qorti fuq talba tal-prosekuzzjoni, mhux opposta mid-difiza, laqghet it-talba ghal hrug ta' ordni tal-protezzjoni kontra l-imputat fil-konfront ta' Michaela Micallef taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni, liema ordni tibqa` fis-sehh ghal zmien erba' (4) snin millum.

3. Rat id-dokumenti l-ohra esebiti mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum u cioe' l-istqarrija tal-imputat (Dok CD 3), ic-certifikat tat-twelid tieghu (Dok CD 4), il-fedina penali (CD 5) u l-*incident report* (CD 6).

4. Saret trattazzjoni dwar il-piena.

**Kunsiderazzjonijiet**

5. Ikkunsidrat illi l-**Art. 317(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi kif gej:

*"317. Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, jeħel, meta jinsab ħati -*
…
*(b) jekk il-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix, jew lok ieħor, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin."*

6. Ikkunsidrat illi l-**Art. 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi kif gej:

*"325. (1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (2,500), il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba snin ..."*

7. Ikkunsidrat illi l-**Art. 28B(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponu kif gej:

   *"28B. (1) Meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, u jew tkun hekk instabet ħatja minn jew quddiem qorti kompetenti skont l-artikolu 28C li tittratta magħha għar-rigward tas-sentenza sospiża, jew sussegwentement tidher jew tinġieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-każ, ħlief jekk is-sentenza tkun diġà bdiet isseħħ, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ."*

   *(2) Jekk ir-reat l-ieħor li jsir matul il-perijodu operattiv ikun wieħed ta' natura involontarja jew jekk, fil-każ ta' xi xorta oħra ta' reat, il-qorti jkun jidhrilha, minħabba fiċ-ċirkostanzi kollha magħdudin il-fatti ta' dak ir-reat ieħor, li ma tkunx ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1), hija tista' tittratta mal-ħati b'xi wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin -*

   *(a) tista' tastjeni milli tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) u l-perijodu operattiv għandu f'dak il-każ jibqa' fis-seħħ; jew*

   *(b) tista' b'ordni tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) billi minflok il-perijodu operattiv hemm speċifikat tagħmel perijodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil:*

   *Iżda jekk il-qorti ma tagħmilx ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) hija għandha tiddikjara ir-raġunijiet tagħha għaliex ma tkunx għamlet dan."*

8. Ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat,

9. Ikkunsidrat illi skond l-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li huwa qabbad numru ta' *throwovers* wara li xarrabhom bil-*petrol* u tefahhom fil-kmamar tas-sodda tad-dar matrimonjali tieghu u ta' martu b'dan illi ikkawza hsarat ta' izjed minn elfejn u hames mitt euro (€2,5000). L-iskop, dejjem skond l-imputat, kien illi huwa hass li t-tfal kienu qed jinjorawh u li l-mara kienet hedditu li tkeccih mid-dar bl-intervent tal-pulizija u allura peress li skond hu f'dan l-ahhar sena u

nofs kien investa xi ghaxart elef ewro fid-dar allura qal li *"vallapena li ma' jidhol hadd (izjed) id-dar"*.

10. Ikkunsidrat li l-akkuzi migjuba kontra l-imputat huma ta' natura serja u li l-agir tieghu, anke jekk sehh f'mument ta' disprament, seta' facilment halla konsegwenzi izjed serji u possibilment tragici. Fortunatament, il-hruq ma' lahaqx infirex ghal proprjeta' ta' terzi.

11. Ikkunsidrat illi l-imputat mill-ewwel wera d-dispjacir tieghu ghal dak li kien ghamel u filfatt mill-ewwel ta' ruhu b'idejh lill-Pulizija.

12. Ikkunsidrat pero illi din ma' kienetx l-ewwel darba li l-imputat xellef dufrejh mal-gustizzja. Filfatt huwa kien diga instab hati, permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Settembru 2017, illi *inter alia* hebb ghal martu u kkagunalha offiza ta' natura hafifa, u l-Qorti filfatt dakinhar kienet ikkundannatu ghal erbgha (4) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. L-imputat ikkommetta r-reati li ghalihom irregistra ammissjoni fis-seduta tal-lum ezatt **fl-ahhar gurnata tal-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza**.

13. Ikkunsidrat illi ma' jezistux cirkustanzi li jimmilitaw favur l-applikazzjoni tal-Art. 28B(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew tal-Art.7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

14. Ikkunsidrat illi wara s-sentenza fuq msemmija l-imputat kien ha l-ghajnuna kollha sabiex jeghleb il-vizzju tax-xorb u filfatt illum il-gurnata din tinsab taht kontroll.

15. Ikkunsidrat illi tenut kont dawn ic-cirkostanzi filwaqt li **ghandu jkun hemm piena karcerarja effettiva**, din ghandha tkun tqarreb lejn il-minimu.

## Decide

16. **Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi (Art 317(b), Art 325(1)(a) u Art 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) issib lill-imputat hati fuq ammissjoni tieghu stess tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentenza karcerarja ta' tlett (3) snin u erba' (4) xhur kompriz ukoll is-sentenza sospiza moghtija fid-9 ta' Settembru 2017.**

    **Il-Qorti m'hijiex ser tapplika l-provedimenti ta` l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta galadarba fis-seduta tal-lum hija harget**

**ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat a favur ta' martu, effettiva ghal zmien erba' snin.**

**Il-Qorti lanqas ma' tara l-htiega li tohrog ordni ta` trattament fil-konfront tal-hati.**

**Finalment peress illi ma' gew mahtura ebda esperti l-imputat ma ghandu jhallas l-ebda spejjez f'dan ir-rigward.**

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**